**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 212/2016**

**Illum: 20 ta' Marzu 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Emad Abdelhamid M. Younis**
**(ID 140985(A))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Emad Abdelhamid M. Younis ta' 24 sena, iben Abdelhamid u Nahima nee` Xibej, imwieled Benghazi nhar id-9 ta' Awwissu 1991, residenti fil-fond numru 64, Triq Imrabat, Sliema, detentur tal-karta tal-identita` Maltija numru 140985(A), u passaport Libjan bin-numru 529439;

Akkuzat talli nhar l-4 ta' Dicembru 2016, ghall-habta tas-1.15 a.m. fi Triq San Gorg, San Giljan:

1) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew seta' jaghmel;

5) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Kif ukoll talli sar recidiv, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija barra li tinfliggi piena skont il-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Dicembru 2016, ghall-habta tas-1.15 a.m., waqt li kienu qeghdin isiru xi spezzjonijiet gewwa Paceville, l-imputat gie imwaqqaf minn PS 1163 u PS 891. Hekk kif dawn identifikaw ruhhom bhala pulizija u bdew biex jaghmlulu tfittxija, huwa ta s-salt u prova jahrab. Skont PS 891 Oscar Baldacchino, l-imputat beda jirrezisti hekk kif huwa misslu l-but ta' gewwa tal-gakketta. Eventwalment gie mwaqqaf, u minn tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu, mill-but tax-xellug fuq in-naha ta' gewwa tal-gakketta, gie elevat pakkett tas-sigaretti li kien jikkontjeni diversi sustanzi suspettati droga ossia pjanta tal-*cannabis*, raza tal-*cannabis* u kokaina. Instabet ukoll is-somma ta' €40, komposta minn zewg karti tal-€20, li kienu mghaffgin fil-but tal-qalziet. Skont ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, ma nstab xejn fil-pussess tal-imputat li seta' jindika li s-sustanza misjuba kienet ghall-uzu personali tieghu, bhal per ezempju, *lighter*, lubretti jew xi affarijiet simili. In oltre, skont PS 891, l-imputat gie mwaqqaf ghaliex kien qed jagixxi b'mod suspettuz u dan fis-sens illi kien qed izomm idejh maghfusin waqt li kien miexi[1], b'certu harsa li tatu l-impressjoni li kellu l-intenzjoni li jaghmel xi haga in konnessjoni ma' terzi persuni li huma kienu qeghdin josservaw u li skont hu, seta' jwassal biex l-imputat jghaddilhom xi sustanzi.[2]

Skont ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[3] huwa nghata s-segwenti ghall-analizi tieghu: i) borza zghira li fiha trab ta' lewn abjad; ii) zewg boroz li fihom haxix ta' lewn ahdar; iii) pakkett tas-sigaretti vojt u iv) sustanzi ta' lewn kannella.

---

[1] Skont PC 1295 Dillon Abela (a fol. 42 sa 44 tal-process), meta fethulu jdejh ma nstab xejn.

[2] Ara x-xhieda tal-Ispettur Gabriel Micallef (a fol. 26 sa 28 tal-process); ix-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino (a fol. 31 sa 33 tal-process u a fol. 39 u 40 tal-process); ix-xhieda ta' PS 1163 Frans Schembri (a fol. 34 sa 36 tal-process); ix-xhieda ta' PC 1295 Dillon Abela (a fol. 42 sa 44 tal-process); ix-xhieda ta' PC 971 Glenn Scicluna (a fol. 45 sa 47 tal-process); ix-xhieda ta' PC 760 Christopher Saliba (a fol. 64 sa 66 tal-process).

[3] Din tinsab esebita a fol. 52 sa 59 tal-process.

L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar l-4 ta' Dicembru 2016, wara li nghatat lilu s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa ghazel li jezercitah[4] u ghazel ukoll li jixhed f'dawn il-proceduri.[5]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi:

i. Huwa jahdem ghal rasu flimkien ma' terza persuna fil-kisi u li minn dan ix-xoghol, huwa jaqla' bejn €500 u €700 fil-gimgha – mela allura l-imputat jaqla' cirka bejn €2,000 u €2,800 fix-xahar.

ii. Jghix ma' xi hbieb Libjani u fir-residenza qeghdin sitt persuni. Fix-xahar, ihallsu €650 kera bejniethom u kull xahrejn, ihallsu cirka €250 f'dawl u ilma. Dan jinqasam bejn sitta – dan ifisser illi kull xahar l-imputat ghandu spiza ta' cirka €129 f'kera u dawl u ilma.

iii. Ikkonferma li pprova jahrab waqt li kienet qeghda ssirlu tfittxija u jghid illi ghamel dan ghaliex kellu d-droga. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa baqa' jirrezisti x'hin il-pulizija ppruvaw jarrestawh, jghid illi ma jafx x'kien qed jigri. Madankollu, jghid ukoll illi jaf li kienu pulizija ghaliex qalulu.

iv. Jghid illi s-sustanzi li nstabu fil-pussess tieghu kienu haxixa, marijuana u kokaina u li dawn tieghu, ghaliex huwa jpejjep.

v. Ilu jpejjep haxixa u marijuana xi tmien snin, ipejjep hafna u jpejjep zewg grammi kuljum. Jixtri l-*cannabis* bil-prezz ta' €30 jew €40 ghal hames grammi – f'xahar ghalhekk jehtieglu jixtri cirka 60 gramma u jonfoq ghalhekk bejn €360 u €480 f'xahar, jew medja ta' €420.

vi. Jiehu wkoll il-kokaina, ha l-kokaina fil-jum ta' qabel, fil-ghodu u fil-ghaxija, izda ma jafx kemm ha. Jiehu l-kokaina f'jum, imbaghad jaghmel jumejn ma jiehux.

vii. Jixtri l-kokaina bil-prezz ta' bejn €70 u €80 il-pakkett, pakkett iservih jumejn, u kull gimgha jrid tlett pakketti – skont dak li jghid l-imputat

[4] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 29 sa 30 tal-process.
[5] A fol. 72 sa 77 tal-process.

ghalhekk, f'gimgha jonfoq bejn €210 u €240 fuq kokaina, jew bejn €840 u €960 f'xahar, jew medja ta' €900.

viii. Ipejjep zewg pakketti sigaretti kuljum – jonfoq ghalhekk cirka €340 f'sigaretti f'xahar (€5.60 x 2 x 30).

ix. M'ghandux wisq flus imgemmghin ghaliex jibghat il-flus lill-familja tieghu gewwa l-Libja, jibghat xi kultant €200 u xi kultant €300, bejn kull gimghatejn u xahar, skont kemm ikollu flus.

x. Jghid illi qatt ma biegh droga.

xi. Mistoqsi ghalfejn kellu dik id-droga kollha fuqu f'dak il-lejl, jghid illi ghandu hafna hbieb u meta jkun qed ipejjep jaghti lil shabu. Jghid illi l-Gimgha kien ma' dawn il-hbieb (jigifieri fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Dicembru 2016), iltaqghu *Clique*, hargu minn hemm fit-8.00 a.m. u ghamlu sa 12.00 ipejjpu gewwa d-dar ta' shabu. Jghid illi shabu ma jghidulux biex igib il-marijuana, li jinzertaw lil xulxin u jpejjpu flimkien u li huma jkollhom taghhom.

xii. Fil-jum ta' qabel (jigifieri fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Dicembru 2016) ma kienx ser jiltaqa' ma' dawn il-hbieb. Mistoqsi allura ghalfejn kellu din il-marijuana kollha, huwa jghid illi xtraha ghall-habta tad-9.00 p.m. u li ghall-habta tal-11.30 p.m. mar San Giljan jiehu *drink*, tela' l-fuq u waqqfuh il-pulizija.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat jghid illi dakinhar huwa kellu fuqu tmien grammi f'*cannabis*, li dawn kienu ghalih u li huwa ma jbieghx droga. In kontro-ezami, huwa jghid illi dawn kien ser ipejjiphom hu, li fil-ghaxija u bil-lejl kien ipejjep, li l-Gimgha u s-Sibt jiehu l-kokaina u ma jehodhiex kuljum. Jerga' jghid illi d-droga kienet kollha ghalih, li jahdem, jaqla' l-paga u jixtri ghaxra ghalih. Mistoqsi ghalfejn id-droga kienet kollha fuqu, huwa jghid illi huwa kien qieghed xoghol Ghawdex, gie nhar il-Hamis u nhar il-Gimgha mar San Giljan u xtara tmien grammi ghalih. Jghid illi xtrahom dakinhar stess fid-9.00 p.m. Dwar il-kokaina, jghid illi jigbidha u dwar il-*cannabis*, jghid illi jaghmilha fir-Rizla. Meta gie ssuggerit lilu illi lanqas kellu Rizla fuqu meta gie arrestat, huwa jghid li "*Kelli jien mort nixtri s-sigarett ghax hadt il-paga*" u sussegwentement, meta gie ssuggerit lilu illi lanqas tabakk ma kellu fuqu, huwa jghid illi dan kien minnu u li ried imur jixtri. Jghid illi meta l-pulizija marru fuqu, huwa ma kienx jaf x'kien qed jigri, li qabduh u beza'.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Il-Qorti tibda biex tqis illi l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu ghall-4 ta' Dicembru 2016 ghall-habta tas-1.15 a.m. PS 891 Oscar Baldacchino, PS 1163 Frans Schembri u PC 760 Christopher Saliba jirreferu proprju ghal din id-data u hin fix-xhieda taghhom, meta jispjegaw ic-cirkostanzi li wasslu ghall-arrest tal-imputat u l-Ispettur Gabriel Micallef jixhed ukoll illi l-kaz sehh bejn it-3 u l-4 ta' Dicembru 2016, ghall-habta tas-1.15 a.m. u fi kliemu stess "*jigifieri kienu l-4 ta' Dicembru*".[6] Kienu biss PC 1295 Dillon Abela u PC 971 Glenn Scicluna li jghidu illi l-kaz sehh fit-3 ta' Dicembru 2016. Anzi fix-xhieda tieghu PC 1295 ghalkemm ghall-ewwel isemmi din id-data, wara jghid illi ma jiftakarx jekk dan sehhx fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Dicembru 2016 (jew allura fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Dicembru 2016), izda kien jaf zgur illi kienu s-1.15 a.m. F'dan il-kuntest, madankollu, il-Qorti tqis illi jirrizulta ampjament ippruvat illi l-kaz sehh fl-4 ta' Dicembru 2016 ghall-habta tas-1.15 a.m. u dan ghaliex apparti x-xhieda tad-diversi ufficjali tal-pulizija msemmija izjed 'il fuq li jispecifikaw u jikkonfermaw dan, hlief tista' tghid ghal ufficjal tal-pulizija wiehed (PC 971), il-Qorti qeghda wkoll tiehu *judicial notice* tal-fatt illi dan il-lejl kien il-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Hadd u li l-4 ta' Dicembru 2016 kien jahbat nhar ta' Hadd. Issa fl-istqarrija rilaxxjata minnu fil-jum tal-Hadd 4 ta' Dicembru 2016, f'punt minnhom l-imputat jigi mistoqsi jekk kienx ma' shabu fil-jum ta' qabel (ossia ghalhekk fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Dicembru 2016) u huwa jwiegeb fin-negattiv u jkompli jghid illi kien maghhom il-Gimgha u ghalhekk fit-2 ta' Dicembru 2016 jew fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Dicembru 2016. Id-domandi tal-Ufficjal Investigatur fl-istqarrija kif ukoll it-twegibiet tal-imputat jirreferu ghal jum jew il-lejl ta' qabel – "*il-bierah*" - u ghalhekk tenut kont li l-istqarrija giet rilaxxjata fl-4 ta' Dicembru 2016 bejn 11.55 a.m. u 12.33 p.m., il-Qorti m'ghandhiex dubbju illi l-imputat gie mwaqqaf proprju fid-data u l-hin li ghalihom jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni.

Illi dwar ir-reat ta' pussess aggravat, gie ritenut hekk fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx*

[6] Ara a fol. 26 tal-process.

*ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*" U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li* <u>*normalment*</u> *wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

Fl-ewwel lok, il-Qorti tqis illi mill-provi akkwiziti f'dawn il-proceduri, jidher illi l-imputat gie addebitat bir-reat ta' pussess aggravat fir-rigward tar-raza tal-*cannabis* u tal-pjanta tal-*cannabis* misjuba fil-pussess tieghu u mhux sempliciment bir-reat ta' pussess semplici, primarjament minhabba l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tieghu u anke minhabba l-post fejn instab bihom ossia gewwa Paceville, li certament huwa rinomat ghall-bejgh tad-droga. Biss il-Qorti wara li hasbet fit-tul u qieset bir-reqqa l-provi prodotti, u fil-waqt illi rat hija stess kif din id-droga kienet maqsuma – hames stikek tar-raza tal-*cannabis,* kif fil-fatt jghid PC 1295 fix-xhieda tieghu u zewg boroz zghar bil-pjanta tal-*cannabis*, ma tqisx li l-provi huma tali li

jwassluha sal-grad tal-konvinciment morali illi l-pussess ta' tali droga kien wiehed intiz ghall-bejgh jew ghall-ispacc tad-droga.

Jibda biex jinghad illi l-ammont ta' droga misjuba fuq l-imputat – 6.18 grammi f'raza tal-*cannabis* u 1.80 grammi f'pjanta tal-*cannabis* m'humiex xi ammonti tali li necessarjament iwasslu lill-Qorti sabiex teskludi li din id-droga kienet ghall-uzu personali tal-imputat. Tqis ukoll f'dan ir-rigward, illi l-pjanta tal-*cannabis* lanqas ma kienet maqsuma b'mod ugwali jew simili fiz-zewg boroz, tant li wahda kellha piz ta' 0.53 grammi u l-ohra kellha piz ta' 1.27 grammi. L-istikek tar-raza, imbaghad, ghalkemm pjuttost ugwali, kienu hamsa – ammont li jista' jkun iwassal ghal suspett ta' pussess intiz ghall-ispacc, izda lanqas fih inniffsu ma jeskludi l-pussess semplici. Tqis ukoll illi kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll f'dawn il-proceduri, l-imputat jghid illi huwa jaghmel uzu mill-*cannabis* u li juza zewg grammi *cannabis* kuljum. Issa fil-waqt illi l-Qorti tqis illi dan l-ammont jista' jkun kemmxejn ezagerat, anke ghaliex zewg grammi jekwivalu ghal potenzjal ta' 10 *joints* kuljum, biss mill-banda l-ohra l-imputat jghid ukoll illi huwa kien ilu jaghmel uzu mill-*cannabis* ghal numru pjuttost twil ta' snin ossia tmien snin u fi kwalunkwe kaz, kif inghad, l-ammont ta' droga misjuba fuqu ma kienx tali li necessarjament jeskludi ammont ghall-uzu personali. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi fil-pussess tal-imputat ma nstabux affarijiet ohra konnessi mal-uzu tal-*cannabis*, bhal karti tar-Rizla, *lighter* jew tabakk, izda huwa minnu wkoll illi ghalkemm kellu din id-droga fil-pussess tieghu, ma jfissirx li kien ser jaghmel uzu minnha proprju dak il-hin jew li ma kienx jaghmel uzu mid-droga. Effettivament kemm fix-xhieda tieghu, kif ukoll fl-istqarrija, huwa jghid illi kien ghadu kemm jixtri din id-droga ghall-habta tad-9.00 p.m. u li mbaghad mar San Giljan, ghall-habta tal-11.30 p.m. F'dan ir-rigward tqis ukoll illi l-imputat gie mwaqqaf mill-pulizija ghall-habta tas-1.15 a.m. u ghalhekk kien ilu San Giljan jew Paceville kwazi saghtejn, izda fil-pussess tieghu, apparti d-droga, instabet biss is-somma ta' €40, maqsuma f'zewg karti tal-€20 – ammont ta' flus dan li bl-ebda mod ma jaghti xi indikazzjoni li l-imputat kien biegh id-droga sal-hin li gie mwaqqaf mill-pulizija.

Qieset ukoll id-dettalji li ta l-imputat kemm dwar id-dhul, kif ukoll dwar l-infieq tieghu u ma tistax tghid illi f'dan ir-rigward ghandha prova cara, fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-infieq tieghu kien certament jeccedi d-dhul u li ghalhekk kien jehtieglu dhul iehor minn sorsi ohra sabiex imantni dan l-infieq.

Imbaghad, is-suspett li jsemmi PS 891 fix-xhieda tieghu u li skont hu, wasslu sabiex iwaqqaf lill-imputat jibqa' biss dan ossia suspett u ghalkemm dan l-istess suspett wassal biex effettiment twaqqaf l-imputat u nstabet id-droga fil-pussess

tieghu, biss ma jistax jinghad illi hemm xi prova cara u inekwivoka illi l-imputat kien ser jghaddi din id-droga lil terzi persuni.

Madankollu, il-Qorti tqis ukoll dak li jghid l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu meta gie mistoqsi ghalfejn kellu din id-droga kollha fil-pussess tieghu. F'dan ir-rigward l-imputat kien inkonsistenti meta jghid illi huwa ghandu hafna hbieb u li meta jpejjep jaghti mid-droga tieghu lil shabu, fil-waqt li mbaghad immedjatament wara, jghid ukoll illi shabu jkollhom id-droga taghhom u li dakinhar ma kienx ser jiltaqa' maghhom, izda kien iltaqa' maghhom fil-lejl ta' qabel. Fil-fehma tal-Qorti, dan id-diskors ma jxejjinx il-kunsiderazzjonijiet taghha maghmula izjed 'il fuq. Biss il-Qorti ma tistax ma tqisx dak li jghid l-imputat b'referenza specifika ghad-droga li kellu fuqu fil-lejl in kwistjoni. Veru illi izjed l'isfel huwa jghid ukoll illi lil shabu ma jaghtihomx minn tieghu u illi fil-lejl in kwistjoni ma kienx ser jiltaqa' maghhom, izda ghal Qorti huwa evidenti li l-imputat hawnhekk kien qed jilghab bid-diskors u jdawwar il-kliem, u effettivament l-ewwel verzjoni tieghu, minn jeddu u minghajr ebda suggeriment da parti tal-Ufficjal Prosekutur f'dan is-sens, kienet proprju illi meta jkun qed ipejjep, huwa jaghti mid-droga tieghu lil shabu u dan kif inghad, meta mistoqsi specifikatament dwar il-*cannabis* li kellu fil-pussess tieghu. In oltre ghalkemm jghid ukoll illi fil-lejl in kwistjoni, huwa ma kienx ser jiltaqa' ma' shabu, biss ftit qabel jghid ukoll li huma jinzertaw lil xulxin. Huwa evidenti illi l-intenzjoni tal-imputat, fir-rigward tad-droga li nstabet fuqu, kienet illi huwa kien dispost li jaghti minnha lil shabu, waqt li jpejjpu flimkien. Il-Qorti ghalhekk tqis illi fil-waqt illi ma tistax tasal sal-konvinciment morali illi l-*cannabis* misjuba fil-pussess tal-imputat kienet intiza ghall-bejgh, biss minn dak li jghid l-imputat, il-Qorti tqis illi jirrizulta ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi r-reat ta' pussess aggravat, bl-elementi tax-*sharing* kif ikkontemplat fil-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa car illi l-mitigazzjoni tal-piena li dwarha jitkellem l-imsemmi proviso, hija estiza wkoll ghar-reat ta' pussess aggravat. Fil-fatt jekk wiehed ihares lejn id-dicitura tal-ligi fl-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101, hemm ipprovdut testwalment illi:

"*Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew (b)(i)*:

*Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-Qorti*

*tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, il-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ...*".
Illi mid-dicitura tal-ligi allura johrog l-element formali tar-reat u cioe` l-hsieb pre-ordinat maghmul mill-hati illi jikkonsma dik id-droga li jkollu fil-pussess tieghu fl-istess post u fl-istess hin ma' ohrajn, liema intenzjoni tohrog iktar cara mill-qari tat-
test Ingliz fejn jinghad illi "*the offender <u>intended to consume the drug</u> on the spot with others.*"

Il-Qorti ghalhekk tqis illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat jirrizultaw sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi, u dan fit-termini tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat bil-pussess semplici tad-droga kokaina. Fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza ssostni illi din mhux necessarjament kienet tal-imputat, izda stante li kien hemm tracci biss ta' kokaina, tali tracci setghu kienu biss *contact traces*. Biss dan l-argument ma jsib l-ebda sostenn fil-provi prodotti. Kif inghad, l-imputat instab fil-pussess ta' borza zghira li kienet tikkontjeni trab abjad, li dan it-trab irrizulta li kien fih is-sustanza kokaina u li l-espert forensiku kien ukoll f'posizzjoni li jistabilixxi l-piz ta' dan it-trab li kien ta' 0.05 grammi. Fix-xhieda tieghu, l-istess espert spjega illi ma setax johrog il-purita` tat-trab ghall-kokaina, stante li l-ammont ta' trab kien wiehed zghir. Ma qalx li nstabu biss tracci tal-kokaina, kif tghid id-difiza. Is-sejba kienet ta' trab kontententi l-kokaina. Fil-fatt meta si tratta ta' tracci, lanqas ma jkun jista' jigi stabbilit il-piz, proprju ghaliex ikunu biss tracci, li hawnhekk m'huwiex il-kaz. In oltre, kemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat stess jammetti li kellu l-kokaina fil-pussess tieghu, ghaliex kien jaghmel uzu minnha.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Permezz tar-raba' imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat ukoll bir-reat kontravvenzjonali kkontemplat fl-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta car mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li waqqfu lill-imputat f'dan il-kaz, illi fil-mument li huma identifikaw ruhhom bhala pulizija u bdew jaghmlulu t-tfittxija, huwa ta s-salt u pprova jahrab u baqa' jirrezisti, sakemm kellhom izommuh diversi ufficjali tal-pulizija. Fi kliem l-Ispettur Micallef "*kellna litteralment naqbzu fuqu biex inzommuh, baqa' jipprova jdahhal idejh fil-gakketta*

*sakemm qed nippruvaw inzommuh. Minn hawn u minn hemm rnexxielna nimmanettjawh ...*".[7] Dan jikkonfermah ukoll fix-xhieda tieghu PS 891 Oscar Baldacchino li bl-istess mod jghid illi kif huwa beda t-tfittxija fuq l-imputat u diga` kien fetahlu l-gakketta u miss il-but ta' gewwa, l-imputat qabad jirrezisti, ta s-salt biex jahrab u kellhom juzaw il-forza fuqu sabiex jarrestawh u eventwalment ghaddew biex ikomplu t-tfittxija fuqu. L-istess jghidu PS 1163 Frans Schembri li jghid ukoll illi kellhom inizzluh mal-art u anke hawn ma bediex ihallihom jorbtuh, PC 1295 Dillon Abela, PC 971 Glenn Schembri u PC 760 Christopher Saliba. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jikkonferma li huwa pprova jahrab ghaliex kellu d-droga u ghalkemm jghid li ma kienx jaf x'qieghed jigri, fl-istess waqt jikkonferma wkoll illi kienu qalulu li kienu pulizija. Ghaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, jirrizulta car illi hekk kif l-imputat kien ben konxju tal-fatt illi kien gie mwaqqaf mill-pulizija u meta kienet diga` bdiet issir it-tfittxija fuqu, huwa pprova jahrab u ghal xi mumenti rrezista l-arrest, sakemm kellha ssir forza fuqu mid-diversi ufficjali tal-pulizija prezenti sabiex huwa seta' jitwaqqaf, jigi immanettjat u tkompli ssirlu t-tfittxija. Dan proprju ghaliex huwa kien jaf li kellu d-droga fil-pussess tieghu. Ghalhekk jirrizulta car ukoll illi l-imputat m'obdiex l-ordnijiet tal-pulizija li waqqfuh biex jaghmlulu t-tfittxija u in oltre bl-attitudni tieghu, fixkilhom waqt li huma kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi anke din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentment ippruvata.

Permezz tal-hames imputazzjoni, l-imputat gie addebitat bl-aggravju tad-distanza. Id-difiza ssostni fit-trattazzjoni finali taghha illi f'dan ir-rigward ma ngabitx il-prova fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat kien f'distanza ta' mitt metru mill-postijiet imsemmija fil-ligi fil-proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101, minkejja l-fatt illi gie mwaqqaf gewwa Paceville. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota illi PS 891, PC 1295 u PC 971 ilkoll jghidu illi l-imputat kien qieghed gewwa Triq San Gorg, Paceville, filwaqt illi l-Ispettur Gabriel Micallef kien izjed specifiku u qal illi l-imputat twaqqaf quddiem il-*club Footloose*, fuq il-bankina tan-naha l-ohra. Da parti tieghu, PC 760 jghid illi kien qieghed jaghmel xi tfittxijiet quddiem *Soho Club*, f'Paceville meta nnota li l-kollegi tieghu kienu waqqfu lill-imputat. M'hemmx dubbju, fil-fehma tal-Qorti illi t-triq imsemmija mill-ufficjali tal-pulizija, kif ukoll iz-zewg *clubs* indikati huma proprju fil-qalba ta' Paceville u proprju fic-centru ta' fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh. Ghaldaqstant, dan l-aggravju wkoll jirrizulta sodisfacentement ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi.

---

[7] Ara a fol. 26 u 27 tal-process.

Finalment, l-imputat gie wkoll addebitat bir-recidiva. Il-Prosekuzzjoni esebiet kopja legali ta' sentenza moghtija fit-2 ta' Marzu 2016 minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Elton Taliana) vs Younis Emad u *Omissis*'.[8] Fir-rigward ta' din is-sentenza xehed l-Ispettur Elton Taliana li kkonferma li l-imputat fil-proceduri li wasslu ghal dik is-sentenza kien proprju l-imputat odjern u li din is-sentenza kienet inghatat fil-konfront tieghu.[9] Jirrizulta wkoll illi permezz tal-istess sentenza, l-imputat kien gie kkundannat ghal piena komplessiva ta' hmistax-il xahar prigunerija effettiva – tnax-il xahar prigunerija in konnessjoni mar-reat li tieghu nstab hati permezz ta' dik is-sentenza u tliet xhur prigunerija, wara li giet reza operattiva sentenza ohra originarjament sospiza. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi kien wehel ghaxar xhur prigunerija (x'aktarx bir-riduzzjoni fil-piena minhabba mgieba tajba jew ir-*remission* li jwasslu proprju sabiex piena ta' hmistax-il xahar prigunerija tigi ridotta ghal ghaxar xhur) fuq kaz ta' serq u li kien ilu sitt xhur li hareg mill-habs – jigifieri f'Gunju 2016. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-addebitu tar-recidiva jirrizulta ppruvat kemm fit-termini tal-Artikolu 49, kif ukoll fit-termini tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat, mil-liema jirrizulta illi f'Lulju 2015, l-imputat instab hati ta' serq semplici u reati kontravvenzjonali, dwar liema huwa nghata piena ta' prigunerija sospiza, liema piena mbaghad giet reza operattiva permezz tas-sentenza msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan, moghtija f'Marzu 2016 u li permezz taghha, l-imputat instab hati ta' komplicita` f'serq aggravat u nghata l-piena ta' prigunerija msemmija.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra, illi f'dan il-kaz, minkejja li qed tinstab htija fl-imputat dwar ir-reati ta' pussess aggravat tal-pjanta tal-*cannabis* u tar-raza tal-*cannabis*, dan qed isir fit-termini tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101. Qieset ukoll illi l-imputat ikkommetta dawn ir-reati wara biss sitt xhur illi skonta piena ta' prigunerija, izda tqis ukoll min-naha l-ohra, illi l-ammont ta' *cannabis* misjub fil-pussess tieghu ma kienx wiehed kbir.

Qieset ukoll ghal fini ta' piena, illi f'dawn il-proceduri, l-imputat inzamm taht arrest preventiv u illi ilu hekk mizmum mill-5 ta' Dicembru 2016 – perjodu ghalhekk ta' tliet xhur u nofs.

[8] Din tinsab esebita a fol. 8 *et seq* tal-process.
[9] Ara x-xhieda tal-Ispettur Elton Taliana a fol. 37 u 38 tal-process.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, tqis illi ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-istess Kap. 9.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) u l-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17(d), 17(f), 49, 50 u 338(ee) tal-Kapitolu 9 u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum u tikkundannah ghal piena ta' multa ta' tmien mija u hamsin Euro (€850).

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba jikkommetti reat iehor fil-perjodu tal-liberazzjoni kundizzjonata u in oltre illi huwa jista' jibbenefika mill-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta ghal darba biss.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri ossia l-ispejjez konnessi mal-inkarigu espletat mix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, sebgha u erbghin Euro u tmenin centezmu (€247.80).

In oltre tordna r-rilaxx tas-somma ta' erbghin Euro (€40) esebita bhala Dokument GM1 favur il-hati, fil-waqt illi tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument GM, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat